**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 335/2017**

**Illum: 18 ta' Awwissu 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Lucienne Lia**
**ID: 347990(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Lucienne Lia ta' 27 sena, bint Carmelo u Rita nee` Attard, imwielda Pieta` fid-19 ta' Lulju 1990, residenti gewwa numru 12, Triq il-Wied, Qormi u detentrici tal-karta tal-identita` numru 347990(M);

Akkuzata talli:

1. Fit-12 ta' Novembru 2016 ghall-habta ta' 14:45hrs f'San Gwann irrendiet ruhha komplici fid-delitt ta' serq aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jeccedi il-232.94 Ewro izda ma jeccedix l-2329.40 Ewro mill-Banka tal-lottu bin-numru 53 li tinsab gewwa Triq l-24 ta' Gunju, San Gwann, meta b'xi mod li jkun, xjentement ghenet jew assistiet lill-awturi tad-delitt u

cioe` lil Tristan Falzon u Roderick Stanyer fl-atti li bihom dan id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat u dan ai termini tal-Artikoli 42(d) u 261(a)(c), 262(1)(b), 267. 276, 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-20 ta' Novembru 2016 ghall-habta ta' 07:15hrs f'Hal-Qormi rrendiet ruhha komplici fid-delitt ta' serq, meta b'xi mod li jkun, xjentement ghenet jew assistiet lill-awturi tad-delitt u cioe` lil Tristan Falzon fl-atti li bihom dan id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat u dan ai termini tal-Artikoli 42(d) u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll illi waqt l-ezami taghha skont il-ligi, l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijet migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga tikkonsidra t-twegiba taghha u terga lura minnha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront taghha,

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali taghha li hija wahda netta u li kkoperat bis-shih mal-Pulizija matul l-investigazzjoni taghha. Qieset ukoll in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u c-cirkustanzi tal-kaz, kif ukoll illi l-Prosekuzzjoni mhux tinsisti ghal piena ta' prigunerija effettiva u illi l-imputata diga` qeghda tircievi kura sabiex tirrijabilita ruhha mill-vizzju tad-droga.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li l-Artikoli 17(b), 42(d), 43, 261(a)(c), 262(1)(b), 267, 276, 280 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghall-piena ta' sena prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-

Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghal zmien sentejn mil-lum.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9, qed tqieghed lill-hatja taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sentejn mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza jew jekk tonqos milli ssegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Supervizjoni.

Tordna li kopja ta'din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat